MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 414/2005

Kawza fil-lista: 54

**B A**
**vs**
**C E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-partijiet izzewgu f’ Malta nhar id-19 ta’ Settembru, 1998 (Certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. AZ 1) fil-Knisja Parrokkjali ta’ Hal Luqa.

Premess illi minn dan iz-zwieg twieled iben wiehed, Manuel, fit-23 ta’ Ottubru, 1999 kif jirrizulta mid-dokument hawn anness ma’ markat Dok. AZ 2.

Premess illi z-zwieg bejn il-partijiet huwa null stante li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu.

Premess illi z-zwieg bejn il-partijiet huwa null stante li l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga.

Premess illi z-zwieg bejn il-partijiet huwa null stante li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Premess illi l-partijiet isseparaw formalment hekk kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni personali tal-partijiet datat 16 ta' Ottubru, 2003 hawn anness u markat Dok. AZ 3.

Tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

Tiddikjara li z-zwieg iccelebrat f' Malta bejn il-partijiet nhar id-19 ta' Settembru, 1998 huwa null skond il-ligi u ghall-fini u l-effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li millum hija ingunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet illi jekk hemm lok ghall-annullament taz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fid-19 ta' Settembru, 1998 ai termini tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta dan mhux ghal ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenuta izda liz-zewg partijiet u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fis-19 ta’ Settembru 1998 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali “tal-partijiet” jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.12, u dak tal-konvenuta jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d] ta’ l-istess artikolu.

Il-konvenuta minn naha taghha teccepixxi li “jekk hemm lok ghall-annullament taz-zwieg” de quo, dan mhux ghal ragunijiet imputabbli esklussivament lill-konvenuta izda liz-zewg partijiet.

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-19 ta’ Settembru 1998 meta allura l-attur kellu 26 sena u l-konvenuta kellha 21 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa sitt [6] snin. Fit-23 ta’ Ottubru 1999 twieled tifel minn dan iz-zwieg. Fis-16 ta’ Ottubru 2003 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni.

Illi matul il-perijodu ta’ l-gherusija l-partijiet ta’ spiss kien ikollhom xi jghidu. Huma jghidu li dan kien dovut principalment ghad-differenza fil-karattru taghhom, u wkoll kienu ndecizi fil-konfront ta’ xulxin. Rizultat ta’ dan, il-konvenuta eventwalment iddecidiet li thassar ir-relazzjoni sitt xhur qabel iz-zwieg. Dan kien kagun ta’ dwejjaq kbar minn naha taghha, izda sussegwentement din accettat l-offerta ta’ Doris A, dak iz-zmien il-mara ta’ hu l-attur, sabiex jaghmlu tentattiv sabiex jirrangaw.

Fl-affidavit taghha Doris A tghid hekk: “… kont staqsejtu [lill-attur] jekk xtaqx jerga’ jirranga ma’ C ghaliex hija riedet tirranga, u hu qalli ‘all right’. Jiena ghidtlu ukoll jekk kienx tajjeb ghalih illi jiltaqghu id-dar tieghi filghaxija, u in fatti

hekk ghamlu. Huma mbaghad hargu flimkien, u wara qaluli li kienu regghu rrangaw.” [fol.61].

Illi fid-deposizzjoni taghha l-konvenuta tghid in propositu “Jien kont nahseb li ser nissetiljaw, se nizzewwgu, jkollna familja, imma l-affarijiet ma konna xejn, xejn happy.” [fol.76].

Minn naha tieghu l-attur in propositu jghid biss illi “xejn ma xtaqt immur ghal-laqgha izda gejt zfurzat minn din Doris biex niehu cans…. ghalhekk ergajna bdejna nohorgu flimkien, u hadna cans, u d-data tat-tieg baqghet l-istess.” [fol.55].

**Konsiderazzjonijet tal-Qorti**
***Simulazzjoni***
Illi l-ewwel kawzali ta’ l-attur hija bazata fuq it-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat, li skond hu, kienet tissussisti fil-konfront taz-zewg partijiet. Huwa jsostni li l-kunsens taghhom kien vizzjat ghax “inkiseb bl-ezkluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu.”

Illi in propositu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:

[1] illi fil-konfront tal-konvenuta ma jirrizultax li dina fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg internament eskludiet iz-zwieg innifsu, jew xi obbligazzjoni essenzjali tal-hajja konjugali. Anzi x-xhieda taghha stess turi l-kuntrarju, ghax kif fuq spjegat, ghalkemm kellha certu dubji dwar il-pass li kienet ser taghmel u ghalkemm kienet irreagixxiet billi hassret ir-relazzjoni sitt xhur qabel id-data taz-zwieg nonostante li kellhom kollox ibbukjat u anke kellha ghamara tal-qisien ordnata, hija sussegwentement kien rega’ bdiela u accettat li terga’ tohrog ma’ l-attur u tkompli bir-relazzjoni; u dan ghax fi kliemha “Jien kont nahseb li ser nissetiljaw, se nizzewwgu, jkollna familja”.

Ghalhekk il-konvenuta mhux talli ma eskludietx iz-zwieg in-nifus jew xi obbligazzjoni matrimonjali essenzjali, izda talli ghazlet li tiehu l-pass li hadet bl-isperanza lecita li tkun kuntenta fil-hajja mizzewwga. Hija riedet tizzewweg,

u zzewwget bl-intenzjoni li tghix il-hajja matrimonjali, u sena wara twieldet tarbija minn dan iz-zwieg.

[2] Illi l-attur minn naha tieghu jghid li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali "dak il-hin bdejt inhoss li qed naghmel xi haga hazina …. ma kontx deciz, le, ma kontx konvint" u ghid li kieku verament kellu ghazla ma kienx ikompli bic-cerimonja [fol.45]. Fl-affidavit tieghu jghid li kien hemm "assenza totali tar-rieda illi nizzewweg." u kien izzewweg "biss biex ma nweggax lil C u b' rispett lil familtha u mhux ghax verament ridt nizzewweg." [fols.55 u 56].

F' dan ir-rigward il-Qorti tosserva li sabiex jikkonfigura dan il-caput nullitatis jehtieg li jirrizulta, mhux li parti kellha diversi dubji dwar il-pass li kienet ser taghmel, jew li ghazelet li tiehu dak il-pass izda ghar-ragunijiet zbaljati, imma li l-parti b' <u>att pozittiv tal-volonta'</u> taghha internament <u>eskludiet</u> iz-zwieg jew obbligazzjoni essenzjali ghaz-zwieg.

F' dan il-kaz il-Qorti tosserva li hi ghandha r-riservi taghha dwar il-veracita' ta' dak li sostna l-attur fis-sens li hu kien qed jiehu dak il-pass kontra qalbu u biex skond hu ma jweggax is-sentementi tal-konvenuta; imma anke jekk dan kien minnu, dan il-fatt xorta wahda ma jintegrax is-simulazzjoni skond il-paragrafu [f], ghax ma jikkostitwix att posittiv ta' volonta' dirett biex jeskludi z-zwieg. Fi kliem iehor, l-attur izzewweg ghax ried hu, u ma jirrizultax li hu dak il-mument eskluda obbligazzjonijiet matrimojnali essenzjali. Di fatti wara sena zwieg, nonostante li z-zewg partijiet pingew stampa ferm negattiva tal-hajja taghhom wara z-zwieg, huma kellhom tarbija, u kien proprju wara li, skond l-attur, dana issuspetta li martu kellha relazzjoni extra maritali li z-zwieg tkisser irrevokabilment u l-partijiet isseparaw bonarjament.

Inoltre il-fatt li wara d-data taz-zwieg l-attur ikkonviva mal-konvenuta ghal numru ta' snin, u wkoll accetta li jkollhom tarbija, idghajjef serjament l-allegazzjoni tieghu li huwa zzewweg kontra qalbu.

Illi in vista tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel kawzali ma treggix la fil-konfront ta' l-attur u lanqas fil-konfront tal-konvenuta.

***Discretio judicii***
Illi t-tieni kawzali hija bazata fuq id-dispost ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat u l-attur jimputa dan il-caput nullitatis fil-konfront tal-konvenuta.

In propositu l-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax li l-konvenuta kienet affetta minn l-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li tagharaf u tirrifletti u li tiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Anzi l-provi juru l-kuntrarju, ghax fi kliemha stess hija ddecidiet li tizzewweg bl-iskop li tghix il-hajja matrimonjali ma' l-attur u bl-isperanza li tkun ferhana fil-hajja mizzewwga. Il-fatt li l-isperanzi taghha ta' hajja matrimonjali felici ma avverawx ruhhom ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni; ghax kif hu ritenut fil-gurisprudenza nostrana difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati. Infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju.

Ghalhekk din il-kawzali ma tinsabx sostnuta mill-provi, anzi tinsab kontradetta minnhom. Jigi osservat ghall-fini tal-kompletezza, li lanqas fil-konfront ta' l-attur ma tirrizulta din il-*caput nullitatis*, u dan b' applikazzjonijiet tal-principji guridici fuq esposti.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrci mhijex gustifikata u ma timmeritax li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------